



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, l-10 ta' Jannar 2019

Jeħtieġ li ssir riforma tal-politika kontra l-frodi biex iseħħ titjib fil-għlieda kontra l-frodi li taffettwa l-baġit tal-UE, jgħidu l-awdituri tal-UE

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, huwa meħtieġ li l-UE tintensifika l-għlieda tagħha kontra l-frodi u li l-Kummissjoni Ewropea tiżgura sens ta' tmexxija u tqis mill-ġdid ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-uffiċċju tagħha ta' kontra l-frodi (OLAF), billi s-sistema attwali ta' investigazzjoni tal-frodi għandha ċerti dgħufijiet inerenti. Attwalment, il-Kummissjoni ma għandhiex informazzjoni komprensiva dwar l-iskala, in-natura u l-kawżi tal-frodi. L-awdituri jgħidu li dan ixekkel il-prevenzjoni effettiva tal-frodi kontra l-baġit tal-UE.

Il-frodi hija fenomenu moħbi u kumpless u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE mill-frodi tirrikjedi sforzi komprensivi u sistematiċi. Din hija responsabbiltà ewlenija tal-Kummissjoni Ewropea. L-awdituri eżaminaw jekk il-Kummissjoni hijiex qed timmaniġġja b'mod xieraq ir-riskju ta' attivitajiet frodulenti li huma ta' detriment għall-baġit tal-UE. B'mod partikolari, huma analizzaw l-informazzjoni disponibbli dwar l-iskala, in-natura u l-kawżi tal-frodi fl-infiq tal-UE. Huma eżaminaw jekk il-qafas strateġiku ta' ġestjoni tar-riskju tal-Kummissjoni huwiex effettiv u jekk l-investigazzjonijiet amministrattivi tal-OLAF iwasslux għal prosekuzzjoni u rkupru.

L-awdituri sabu li l-Kummissjoni ma għandhiex *data* komprensiva u kumparabbli dwar il-livelli ta' frodi identifikata fl-infiq tal-UE. Barra minn hekk, sa issa hija għadha ma wettqet l-ebda valutazzjoni tal-każijiet ta' frodi mhux identifikata, lanqas ma wettqet analiżi dettaljata ta' x'iwassal lill-operaturi ekonomiċi biex jinvolvu lilhom infushom f'attivitajiet frodulenti. L-awdituri jgħidu li dan in-nuqqas ta' għarfien itaffi l-valur Prattiku u l-effettività tal-pjanijiet tal-Kummissjoni biex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-UE mill-frodi.

"Il-perċezzjoni fost 7 minn kull 10 ċittadini tal-UE hija li l-frodi kontra l-baġit tal-UE sseħħ pjuttost ta' spiss, anki jekk is-sitwazzjoni tista' ma tkunx l-istess. Sfortunatament, l-attivitajiet kontra l-frodi li twettqu sa issa għadhom mhumiex suffiċjenti," qal Juhan Parts, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. *"Wasal iż-żmien li tittieħed azzjoni konkreta: jenħtieġ li l-*

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu

@EUAuditors

eca.europa.eu

Kummissjoni tistabbilixxi sistema effettiva għall-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' frodi u bħala deterrent għall-frodaturi. Permezz ta' riforma tal-OLAF il-Kummissjoni tkun tista' turi kemm hija verament impenjata biex tiġġieled kontra l-frodi."

L-awdituri jikkonkludu li s-sistema attwali, fejn investigazzjoni amministrattiva tal-OLAF f'każ ta' frodi suspettata tiġi segwita minn investigazzjoni kriminali fil-livell nazzjonali, tiegħu wisq fit-tul u b'hekk titnaqqas il-probabbiltà li ssejtni prosekuzzjoni. Inqas minn nofs il-każijiet kollha li fihom l-OLAF għamel rakkomandazzjonijiet, jiġifieri medja ta' 17-il każ fis-sena, wasslu għall-prosekuzzjoni tal-frodaturi suspettati. Barra minn hekk, l-awdituri jenfasizzaw li, f'għadd ta' każijiet, ir-rapporti finali tal-OLAF ma jipprovdux informazzjoni suffiċjenti biex jinbeda l-irkupru ta' fondi tal-UE li jkunu tħallsu indebitament. Bejn l-2012 u l-2016, madwar 15 % biss tal-ammont totali rakkomandat ġie fil-verità rkuprat.

L-awdituri jqisu li l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) huwa pass fid-direzzjoni t-tajba, iżda huma jwissu li r-regolament attwali tal-UPPE jippreżenta bosta riskji. Waħda mill-problemi prinċipali tirrigwarda d-detezzjoni u l-investigazzjoni, li se jkunu jiddependu ħafna fuq l-awtoritajiet nazzjonali. Madankollu, ir-regolament ma jistabbilixxi l-ebda mekkaniżmu li jippermetti li l-UPPE jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jallokaw ir-riżorsi meħtieġa sabiex il-frodi fl-infiq tal-UE tiġi investigata b'mod proattiv.

Biex jinkisbu riżultati aħjar fl-indirizzar tal-frodi kontra l-interessi finanzjarji tal-UE, l-awdituri jirrakkomandaw li l-Kummissjoni Ewropea:

- tistabbilixxi sistema robusta ta' rappurtar u ta' kejl tal-frodi, li tipprovdi informazzjoni dwar l-iskala, in-natura u l-kawżi fundamentali ta' din il-frodi;
- tirreferi b'mod ċar għall-ġestjoni tar-riskju ta' frodi u għall-prevenzjoni tagħha fil-portafoll ta' Kummissarju wieħed u tadotta strateġija mġedda kontra l-frodi li tkun ibbażata fuq analiżi komprensiva tar-riskju;
- tintensifika l-attivitajiet u l-għodod tagħha għall-prevenzjoni tal-frodi; u
- tqis mill-ġdid ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-OLAF fid-dawl tal-istabbiliment tal-UPPE u tipproponi li l-OLAF jingħata rwol strateġiku u ta' sorveljanza fl-azzjonijiet tal-UE għall-ġlieda kontra l-frodi.

Noti lill-Edituri

Frodi tirreferi għal kull att jew ommissjoni li jsiru b'mod intenzjonat biex iqarrqu b'ħaddieħor, bir-riżultat li l-vittma ssufri telf u l-awtur jikseb vantaġġ. Frodi li tinvolvi l-fondi pubbliċi ħafna drabi tkun marbuta mal-korruzzjoni, li ġeneralment tfisser kull att jew ommissjoni li permezz tagħhom isir abbuż minn jew jitfittex li jsir abbuż mill-użu ta' awtorità uffiċjali, sabiex jinkiseb benefiċċju mhux dovut.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà kondiviża li jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE kontra l-frodi u l-korruzzjoni. L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) attwalment huwa l-korp ewlieni tal-UE kontra l-frodi. Huwa jikkontribwixxi għat-tfassil u għall-implimentazzjoni tal-politika tal-Kummissjoni kontra l-frodi u jwettaq investigazzjonijiet

amministrattivi f'każijiet ta' frodi kontra l-baġit tal-UE. Sa tmiem l-2020 se jibda jopera Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), li jkollu s-setgħa li jmexxi l-prosekuzzjoni ta' reati kontra l-interessi finanzjarji tal-UE fi 22 Stat Membru.

Fit-22 ta' Novembru 2018, il-QEA ppubblikat ukoll Opinjoni dwar ir-riforma proposta tal-OLAF fir-rigward tal-kooperazzjoni tiegħu mal-Uffiċċju futur tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u l-effettività tal-investigazzjonijiet tiegħu. Fl-istess żmien, ġiet ippubblikata wkoll Opinjoni rigward il-pjanijiet għall-programm li jmiss tal-UE kontra l-frodi.

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet interessati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati mis-settur tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li nagħmlu fir-rapporti tagħna jiddaħħlu fil-prattika. Il-fatt li dan isir daqshekk ta' spiss jissottolinja l-benefiċċju tax-xogħol tagħna għaċ-ċittadini tal-UE.

Ir-Rapport Speċjali Nru 01/2019 "Il-ġlieda kontra l-frodi fl-infiq tal-UE: jeħtieġ li tittieħed azzjoni" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.